**Kunsill Reġjun Punent**
Ċentru Kristu Ragħaj, It-3 Sular, Is-Seminarju tal-Arċisqof, Triq tal-Virtu, Rabat, Malta
E | Reġjun-punent.dlg@gov.mt T | 22266602

**L-Ewwel Leġislatura Reġjun Punent**

**Minuti** Numru **51**

Laqgħa tar-Reġjun Punent

Il-Kunsill Reġjonali Punent iltaqa' nhar Il-Ħamis 17 ta' Lulju, 2025 fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz **Ċentru Kristu Ragħaj, 3rd Floor, The Archbishop's Seminary, Rabat** fil-**17:00** ta' filgħaxija.

---

**PREŻENTI FIL-BINI AMMINISTRATTIV:**

| | |
|---|---|
| President: | Is-Sur Sandro Azzopardi |
| Ħaż-Żebbuġ: | Il-Viċi Sindku is-Sur Joseph Agius |
| Ħad-Dingli: | Sindku is-Sur Raymond Schembri |
| Ħal Kirkop: | Sindku s-Sur Matthew Agius Zammit |
| L-Imqabba | Sindku s-Sa Grace Marie Zerafa |
| Rabat: | Sindku s-Sur Alexander Craus |
| Ħal Safi | Il-Kunsilliera is-Sa Claire Zammit |
| Iż-Żurrieq: | Sindku s-Sa Rita Grima |

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

| | |
|---|---|
| L-Imdina: | Sindku s-Sur Peter Sant Manduca |
| Il-Qrendi: | Viċi President is-Sur David Michael Schembri |



Il-laqgħa ġiet ippreseduta mill-President Sandro Azzopardi u nfetħet fil-17:30 ta' filgħaxija.

**51.01 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji;**

51.01.01 Ir-Reġjun Punent irċieva ittri t’apoloġija Skont Ordni Permanenti 14A (3) mingħand is-Sindku tal-Imdina is-Sur Peter Sant Manduca u mingħand il-Viċi President u Sindku tal-Qrendi is-Sur David M Schembri.

**51.02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 50;**

Il-President ressaq għal approvazzjoni l-Minuti tal-Laqgħa numru 50 li saret nhar it-18 ta’ Ġunju 2025.

Sekondant: is-Sindku ta’ Ħal Kirkop, is-Sur Matthew Agius Zammit
Il-Kunsill qabel unanimament

**51.03 Punti mqajjma mill-Minuti**

51.03.01 Mil-aħħar laqgħa saru talbiet sabiex jsiru laqgħat mas-Sur Svetlick Flores (LESA), is-Sur Steve Ellul (Infrastructure Malta) u mal-Ministru Miriam Dalli flimkien mas-Sindki fi ħdan ir-Reġjun sabiex jiġu diskussi materji u diffikultajiet li qed jiffaċċjaw.

51.03.02 In-networking event għas-Sindki sar nhar l-Erbgħa 2 ta’ Lulju 2025

51.03.03 Nhar 18.07.25 ser ikollna laqgħa onlajn mal-Malta Public Libraries u l-Kunsill Lokali tal-Imqabba fuq il-kuntratti tal-libreriji. Dan għaliex l-avukat qalet li dan l-kuntratt mhuwiex konformi mal-liġi ( risk assessment, maintenance etc).

**51.04 Kommunikazzjoni mill-President**

51.04.01 Nhar id-19.06.25 il-Maniġer tal-Ambjent flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv attendew għal laqgħa onlajn rigward it-Tender tal-Street Lighting sabiex tkun esplorata l-opportunità tas-software ibbażat fuq il-web biex tkoppri flussi ta’ ħidma addizzjonali fosthom ġbir u rappurtar tal-iskart, filwaqt li nestendu wkoll l-aċċess għal formola pubblika fejn ir-residenti jistgħu jissottomettu rapporti li jiġu mibgħuta lill kull Kunsill Lokali rispettiv qabel imorru għand il-kuntrattur rispettiv.

51.04.02 Nhar id-19.06.25 l-AKL bagħtulna email minn Promitheas News dwar it-18- il konferenza dwar il-bidla fil-klima u l-enerġija li ser issir ġewwa il-Greċja.

51.04.03 Nhar it-19.06.25 irċivejna mill-Ing Farrugia fejn infurmana li it-ToRs huma aċċettati mill-kunsilli u ser ikunu qed jaħdmu fuq żewġ għażliet li huma:

Għażla 1: Dokument wieħed ta' offerta li jkopri kemm il-provvisti kif ukoll is-servizzi f'offerta waħda iżda f'żewġ lottijiet differenti; il-lottijiet jistgħu jingħataw lil fornitur wieħed jew lil tnejn differenti;
Għażla 2 - Żewġ dokumenti separati ta' offerta, wieħed għall-provvisti u ieħor għas-servizzi.

51.04.04 Nhar it-19.06.25 l-Ing Farrugia informa li wara l-laqgħa li kellhom innota xi ftit punti li huma;

- Tiġi ikkunsidrata biss l-għażla tal-iżvillup tas-software.
- Jiġu inklużi flussi oħra possibbli, mhux biss id-dawl tat-toroq, bħall-ġbir tal-iskart, eċċ.
- Tiġi inkluża formola għall-pubbliku ġenerali biex iressaq ilmenti permezz ta' menu drop-down, simili għal dak tal-ERA; il-Kunsill se jindika l-oġġetti li għandhom jiġu inklużi fil-menu;
- Is-sistema tista' tiġi aċċessata minn:

  a. Pubbliku ġenerali – madwar 80,000 resident – l-ebda login mhu meħtieġ;

  b. 10 kunsilli lokali b'kontijiet ta' login;

  c. Kunsill Reġjonali wieħed b'kontijiet ta' login;

  d. Numru ta' fornituri b'kontijiet ta' login; issemmew 50
- Minbarra l-websajt, li tiġi inkluża wkoll app kemm għas-sistema Android kif ukoll għal dawk iOS;
- Jiġi inkluż SLA għall-manutenzjoni tas-sistema u penali meta l-iskadenzi fl-SLA jinkisru.
- Permezz tas-sistema, il-kuntratturi jistgħu jtellgħu dokumenti b'ritratti li juru li x-xogħol twettaq u jistgħu wkoll jtellgħu l-fatturi korrispondenti.

51.04.05 Nhar id-19.06.25 irċivejna r-Rapport dwar il-ġbir tal-iskart domestiku għax-xahar ta' Mejju.

51.04.06 Nhar it-20.06.25 sar l-AGM fejn ġie ippreżentat ir-rapport ta' ħidma għas-sena 2024. Dan sar fis-sala taċ-Ċentru Kristu Ragħaj ġewwa is-Seminarju.

51.04.07 Nhar l-20.06.25 irċivejna mingħand l-Awtorita' tal-Ippjanar fejn infurmawna li l-Gvern ta' Malta kkummissjoni lill-ESPON, biex iħejji rapport dedikat li jeżamina l-impatt ekonomiku tal-insularità ta' Malta bħala gżira żgħira fil-periferija tal-Unjoni Ewropea. **L**-istudju għandu l-għan li jiġġenera evidenza territorjali ġdida biex jappoġġja l-iżvilupp tal-politika f'oqsma ewlenin, inklużi l-politika ta' koeżjoni, il-kompetittività ekonomika, l-investiment fl-infrastruttura, u r-reżiljenza għal xokkijiet esterni. Se jiġi organizzat workshop mill-kuntrattur maħtur biex iwettaq l-istudju, bil-għan li jiġbor feedback dwar id-dimensjonijiet differenti tal-insularità. Li se jkun segwit minn Seminar tan-Netw**o**rk tal-ECP, organizzat mill-Punti ta' Kuntatt tal-ESPON Maltin, li jiffoka fuq il-Pjan ta' Azzjoni Tematiku tal-ESPON 2030: 'Postijiet Reżiljenti għall-Kriżijiet', b'attenzjoni partikolari għall-kuntesti insulari.

51.04.08 Nhar l-20.06.25 il-Maniġier tal-Ambjent talab lid-DG Vassallo l-approvazjoni għal penali fuq it-tender SPD5/2023/035 sabiex inkunu nistgħu nipproċedu bil-ħlas rispettiv-Infurmana li l-approvazzjonijiet kollha tlestew u nistgħu nipproċedu bil-pass hekk kif indikat f'punt 5.4 tal-SOP rigward penali.

51.04.09 Nhar l-20.06.25 il-Maniġier tal-Fondi Lokali u Ewropej għaddiet informazzjoni dwar inċentivi finanzjarji fuq roti u faċilitajiet relatati mar-roti maħruġa minn Transport Malta. Transport Malta b'kollaborazzjoni mal-Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Xogħlijiet Pubbliċi għadhom kemm nedew inċentivi finanzjarji ġodda li jkopru dawn is-sottoskemi li ġejjin:

- Xiri ta’ roti
- Konverżjoni ta’ roti għall-pedelecs
- Installazzjonijiet ta’ racks tar-roti
- Stazzjonijiet ta’ tiswija tar-roti u faċilitajiet relatati

51.04.10 Nhar il-21.06.25 il-President informa lis-Sindki dwar stedina mill-JMI sabiex nattendu għal AGM tal-JMI Global u ADA li ser jsiru f’Debrechen l-Ungerija bejn 10-15 ta’ Lulju 2025 fejn hemm ukoll xi elezzjonijiet. Il-President staqsa jekk hemmx min hu interessat jattendi.

51.04.11 Nhar it-23.06.25 il-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej infurmat li b’referenza għall-iskema *Energy and Water Efficiency Scheme* fiha 2 kategoriji prinċipali li jistgħu jsiru applikazzjonijiet fuqhom. L-ammont tal-għotja (grant) jkopri 90% tal-ispiża eliġibbli sa massimu ta' €27,000 (inkluża l-VAT). Il-benefiċjarji għandhom jikkofinanzjaw il-proġett billi jiffinanzjaw 10% tal-ispejjeż eliġibbli. Din l-iskema se tiftaħ fil-15 ta’ Lulju 2025 u ser issir sezzjoni t’informazzjoni onlajn fil-25.06.25 fejn ser jingħataw iktar dettalji.

51.04.12 Nhar it-23.06.25 infetħet is-sejħa għal Regional Cultural Cooperation Programme 2025 mill-Kunsill Malti għall-Arti.

51.04.13 Nhar it-23.06.25 il-Maniġer tal-Iskart informa lis-sindki, kunsilliera responsabbli mill-iskart u s-segretarji eżekuttivi dwar l-intenzjoni tal-Ministeru għat-transport li jibdel l-ġbir tal-iskart residenzjali għal bil-lejl. Informa li qed niġbru feedback permezz ta’ online survey mingħand il-Kunsilli Lokali biex nifhmu aħjar is-sitwazzjoni attwali u l-implikazzjonijiet prattiċi ta’ dan il-bidla.

51.04.14 Nhar it-23.06.25 irċivejna stedina mill-MetaCCAZE – Malta Partners għal workshop taħt il-proġett MetaCCAZE ffinanzjat mill-UE, ikkoordinat mill-Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi flimkien mal-Università ta' Malta u t-Trasport Pubbliku ta' Malta. Il-workshop se jiffoka fuq il-ġbir tal-perspettiva bħala rappreżentanti taċ-ċittadini dwar l-ittestjar ta' servizz awtonomu ta' e-bus f'Malta u Għawdex. Ir-rispons huwa vitali biex jirrappreżenta l-bżonnijiet u t-tħassib tal-komunità. Infurmawna ukoll sabiex nestendu din l-istedina lir-rappreżentanti ta' gruppi oħra taċ-ċittadini bħal klabbs tal-banda, gruppi ta' scouts, klabbs taż-żgħażagħ u organizzazzjonijiet taċ-ċittadini anzjani.

51.04.15 Nhar l-24.06.25 ġejna infurmati li r-Regional Managers forum organizzat mid-DLG ġie pospost.

51.04.16 Nhar l-24.06.25 irċivejna mill-JMI d-dokumenti relatati mal-AGM li ser isir ġewwa l-Ungerija u l-elezzjonijiet li ser isiru.

51.04.17 Nhar l-24.06.25 irċivejna PQ29392 - Ġbir tal-iskart. L-ONOR GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-Ministru għall-Kultura, l-Artijiet u l-Gvern Lokali:

Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 27348 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Indafa Pubblika u jgħid x’jiġri meta l-kuntrattur ma jkunx qed jiġbor l-iskart kif u meta suppost?

Twegiba: Meta skart jinqabeż jew ma jinġabarx, jew ikun hemm ilmenti oħra relatati mal-ġbir tal-iskart, resident jista’ jibgħat email jew iċempel lill- Kunsill Lokali rispettiv jew direttament lill- Kunsill Reġjonali. L-ilmenti jintbagħatu ġewwa Group chat fuq WhatsApp (Fil-każ tar-Reġjun Punent, hemm chat għal kull Kunsilli Lokali) li fiha hemm ukoll il-kuntrattur biex jiġi infurmat direttament. (Jew inkella via email ukoll, imma c-chat hi l-iktar mod komuni). Jekk l-ilment ma jissolviex kif hu neċessarju, ir-Reġjun jieħu l-passi neċessarji skond it-tender reġjonali. Il-kuntrattur għandu Customer Care email kif ukoll Contact number kemm landline kif ukoll mobile number. Ġeneralment ninkoraġixxu lir-residenti sabiex jagħmlu kuntatt mal-Kunsill Lokali rispettiv jew Kunsill Reġjonali sabiex ikun hemm monitoraġġ fuq l-ilment.

51.04.18 Nhar l-24. 06.25 irċivejna Cir AKL 2025/039_ALL DIGITAL Summit li ser isir bejn 10-12 ta' Settembru.

51.04.19 Nhar il-24.06.25 irċivejna minghand AKL - SCEWC25_ LCA Malta – Collaboration. Din sabioex nirregistraw ghal EXPO li ser issir Barcelona bejn 4-6 Novembru.

51.04.20 Nhar il-24.06.25 irċivejna mingħand SEM li ser issir sessjoni ta' Informazzjoni dwar Employment and Social Innovation (EaSI) nhar 09.07.25

51.04.21 Nhar il-25.06.25 irċivejna mingħand AKL informazzjoni korrispondenza li ntbagħtet mis-Sa Lise Jerlin mis-CEMR rigward l-inizjattiva bl-isem ta' Every Drop Counts Local Water Mural is out.

51.04.22 Nhar il-25.06.25 il-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej bagħtet invit mingħand MetaCCAZE. Dan il-workshop ser ikun qed jiffoka fuq l-ittestjar ta' servizz awtonomu ta' e-bus f'Malta u Għawdex.

51.04.23 Nhar it-26.06.25 il-Maniġer tal-iskart kellu laqgħa ġewwa l-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi dwar tazzi riċiklabbli biex jintużaw għal matul il-festa 2025.

51.04.24 Nhar is-26.06.25 il-Maniġer tal-Kultura informa lill-Kunsilli Lokali li id-dealine għall-proposti kulturali għas-sena 2025 ser tkun nhar it-30.06.25.

51.04.25 Nhar is-26.06.25 irċivejna Cirkulari 3/2025 - Allowances għall-Presidenti.

51.04.26 Nhar is-26.06.25 irċivejna mill-lifelong learning fejn infurmawna li ġie mniedhi l-prospett il-ġdid tat-tagħlim tul il-ħajja u hu disponibbli għall-pubbliku.

51.04.27 Nhar it-29.06.25 ir-Regjun Punent assita lil Kunsill Lokali Safi fit-trasport għall-ħarġa kulturali għall-Festa tradizzjonali tal-Imnarja.

51.04.28 Nhar it-30.06.25 irċivejna li l-Managers Forum ser issir nhar it-23.07.25.

51.04.29 Nhar l-01.07.25 irċivejna stedina mill-Kunsill Malti għall-arti għat-tieni workshop relatat mall-proġett PGIS li ser isir nhar 24.07.25.

51.04.30 Nhar it-03.07.25 irċivejna Ċir AKL 2025/042_Blue Heart Campaign - Request to light up Local Councils and main buildings in blue (28, 29, 30 July).

51.04.31 Nhar it-03.07.25 ġiet ikkomunikata d-data għall-Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali tat-tfal li ser issir nhar il-15.09.25.

51.04.32 Nhar it-03.07.25 irċivejna mingħand Malta Chamber of Scientists sabiex jinfurmawna ftit dwar il-progress tal-proġett u kif nistgħu nikkollaboraw biex jitwaqqfu sinjali tul it-trakka fir-rigward d-Dwejra Lines.

51.04.33 Nhar l-04.07.25 irċivejna PQ -29652-Ministeru għall-Kultura, l-Artijiet u l-Gvern Lokali - Remote working/Teleworking.

Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni jaħdmu permezz ta' remote working u teleworking, mal-Ministeru konċernat, inkluż fl-entitajiet u fid-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu?

Tweġiba: 'Ir-Reġjun Punent m'għandux proċedura formali fis-seħħ rigward 'remote u teleworking', madanakollu kull talba ġustifikata li saret fil-passat mill-impjegati ġiet milqgħuha sakemm fit-tali ġurnata l-impjegat ma jkollux taħriġ jew laqgħat li jridu jsiru fl-uffiċju jew m'entitajiet oħra in persona'.

51.04.34 Nhar l-04.07.25 id-DLG infurmaw lis-Segretarju Eżekuttiv dwar trasferiment li ser ikun

fis-seħħ minn 07.07.25. It-talbiet kollha għal postijiet vakanti u sottomissjonijiet sussegwenti ta' informazzjoni dwar ir-reklutaġġ ser jibdew issiru b'użu ta' formoli online.

51.04.35 Nhar it-06.07.25 ir-Reġjun Punent assita lil KL Safi fit-trasport għall-ħarġa kulturali għall-Festa ta' San Pawl fir-Rabat.

51.04.36 Nhar is-07.07.25 irċivejna Cir AKL 2025/043_Grill and Glow Summer BBQ 2025 li ser isir nhar 08.08.25.

51.04.37 Nhar is-07.07.25 irċivejna il-pagament ta' €80, 000 fir-rigward il-proġett iffinanzjat mill-iskema LESA li kien ġie approvat lejn l-aħħar tas-sena 2022.

51.04.38 Nhar is-07.07.25 irċivejna mill-ERA il-market Share tal-Green Pak hu 64% u tal-GreenMt 36%. Dan ser ikun qed japplika ukoll għat-tieni nofs tal-2024 (Lulju – Diċembru 2024).

51.04.39 Nhar l-07.07.25 il-Maniġier tal-Fondi Lokali u Ewropej infurmat lill-GAL Majjistral jekk il-miżura 3 tipprovdix fondi għax- xiri ta' road sweepers. Bl-intenzjoni li jkun propjetà tar-reġjun u maqsuma bejn il-lokalitajiet fi ħdanu fuq bażi ta' rotazzjoni jew skont il-ħtieġa.

51.04.40 Nhar is-07.07.25 il-President staqsa lid-Direttur Buġeja fuq servizzi tal-Kor Sine Macula għal attivitajiet Kulturali fir-rigward tar-regolamenti finanzjarji. Dan għaliex fir-rigward tagħna rrid ikollna Fattura / RFQ kif ukoll riċevuta fiskali, iżda wara kuntatt mal-153 ġejna infurmati li m'għandhomx bżonn numru tal-VAT u jistgħu joħorġu rċevuta sempliċi. Id-Direttur Buġeja infurmatna li kellha risposta mill-MTCA fejn infurmawa li jekk l-entità tipprovdi biss servizzi reliġjużi eżentati, ir-reġistrazzjoni tal-VAT mhijiex meħtieġa anke jekk dawn is-servizzi jiġġeneraw dħul. Għalhekk, riċevuta sempliċi hija aċċettabbli. Intalbet ukoll iktar kjarifika fuq ċertu attivitajiet jitqisux reliġjużi ukoll jekk Reġjun/Kunsill Lokali jorganizzaw attività kulturali fil-knisja; jorganizzaw attività kulturali barra l-Knisja iżda b'għanjiet reliġjużi. Jekk Kanzunetti minn reliġjonijiet oħra jitqisux l-istess. Ukoll saqsa liema tip ta' attivitajiet kulturali huma eżentati mill-VAT u jekk attivitajiet eżentati mill-VAT xorta jeħtieġ li jirreġistraw mad-dipartiment tal-VAT-

51.04.41 Nhar is-07.07.25 irċivejna PQ 29652-Ministeru għall-Kultura, l-Artijiet u l-Gvern Lokali - Remote working/Teleworking. Infurmawna li iridu jinindikaw in-numru ta' ħaddiema full-time, part-time u kemm minnhom jaħdmu bir-remote working/teleworking.

L-ONOR Jerome Caruana Cilia staqsa lill-Ministru għall-Kultura, l-Artijiet u l-Gvern Lokali:
Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni jaħdmu permezz ta' remote working u teleworking, mal-Ministeru konċernat, inkluż fl-entitajiet u fid-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu?

Twegiba: Ir-Reġjun Punent m'għandux proċedura formali fis-seħħ rigward 'remote u teleworking', madanakollu kull talba ġustifikata li saret fil-passat mill-impjegati ġiet milqgħuha sakemm fit-tali ġurnata l-impjegat ma jkollux taħriġ jew laqgħat li jridu jsiru fl-uffiċju jew m'entitajiet oħra in persona.

Fit-tabella indikajt l-ammont ta' ħaddiema li għandu ir-Reġjun full-time u part-time. L-impjegata part-time fi Skala 18 bħala 'cleaner' ma tistax taħdem 'remotely' għal raġunijiet ovvji.

| | Irġiel | Nisa | Total |
|---|---|---|---|
| Full – Time | 5 | 4 | 9 |
| Part – Time | 1 | 1 | 2 |
| Remote Working | | | |

51.04.42 Nhar is-07.07.25 irċivejna rapport mil-Wasteserv fuq l-ispezzjonijiet li saru fir-Regjun Punent fis-sena 2023.

51.04.43 Nhar is-07.07.25 irċivejna mill-AKL fejn infurmawna li ser issir laqgħa online rigward il-migrazzjoni u l-inklużjoni biex jiġi diskuss id-draft position paper.

51.04.44 Nhar is-07.07.25 ġejna infurmati mil-MEEC li hemm l-applikazzjonijiet miftuħa għall-premjijiet ta' azzjoni għall-iżvillup sostenibbli ta' Malta ġew stabbiliti biex jirrikonoxxu, jippromwovu, jiċċelebraw u jippremjaw individwi, NGOs, negozji, timijiet akkademiċi u istituzzjonijiet/korpi pubbliċi li qed imexxu t-triq fl-innovazzjoni u l-prattiċi sostenibbli.

51.04.45 Nhar it-08.07.25 irċivejna Cir AKL 2025/025_Sistema tal-Ħlasijiet tal-Kontijiet. Kien hemm tibdil fil-laqgħa u issa se ssir fis-16.07.25.

51.04.46 Nhar it-08.07.25 irċivejna Cir AKL 2025/044 Group Life Policy 2025 – 2026 għal Membri Eletti.

51.04.47 Nhar it-08.07.25 il-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej infurmat li taħt il-programm CERV (il-Programm taċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri) hemm miftuħa s-sejħa tal-Ġemellaġġ tal-Ibliet 2025 – Town Twinning 2025. Din is-sejħa tagħlaq fis-17 ta' Settembru 2025 fil-5pm. L-assoċjazzjoni ALDA (ALDA – European Association for Local Democracy) se tkun qed toffri taħriġ tekniku bla ħlas dwar il-ġemellaġġi. Waqt dan it-taħriġ se jkun hemm kelliema li se jaqsmu l-esperjenza diretta tagħhom fi proġetti ta' Ġemellaġġ tal-Ibliet li ġew implimentati b'suċċess fl-aħħar ftit snin. It-testimonjanzi tagħhom se joffru għarfien utli, eżempji konkreti u pariri prattiċi dwar kif tibda u timmaniġġja proġett ta' ġemellaġġ tal-ibliet ta' suċċess.

51.04.48 Nhar it-08.07.25 il-DG Vassallo informa lill-President li fir-rigward tal-fondi tal-LESA kien hemm bidla fil-format u ser titħaddem Sistema li permezz tagħha l-għaqdiet ser japplikaw direttament ma' entità tal-Ministeru responsabbli mill-Intern.

51.04.49 Nhar id-09.07.25 il-Maniġier tal-Fondi Lokali u Ewropej bagħtet l-iskeda lill-FES dwar il-proġett tal-Mikrostejjer, li huwa parti mill-proġett Arts for Social Change, li se jkun qed jitmexxa mill-kittieb John Bonello flimkien ma' Reġjun Punent.

51.04.50 Nhar id-09.07.25 irċivejna mingħand is-Sa Attard rapport li tfassal biex jenfasizza oqsma għal titjib infrastrutturali li jkunu ta' benefiċċju, u jikkontribwixxu sostanzjalment, biex itejbu l-mixi u ċ-ċikliżmu fir-Reġjun tal-Punent. Dan huwa speċjalment il-każ għar-rotot li l-proġett NAT tagħna identifika biex jgħaqqad diversi destinazzjonijiet. B'dan ir-rapport, filwaqt li mhux meħtieġ fil-kuntratt, nittamaw li ngħammru lir-Reġjun b'mezz biex jipprijoritizza l-investiment jew jappoġġja t-talbiet għal finanzjament biex tittejjeb l-infrastruttura tal-ivvjaġġar attiv tar-Reġjun.

51.04.51 Nhar id-09.07.25 is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet kopja tas-Social Impact Assessment u infurmat li dan għadu ma ġiex ippublikat uffiċjalment.

51.04.52 Nhar l-10.07.25 irċivejna allokazzjoni addizzjonali sabiex tkopri ż-żieda fl-Allowance tas-Sindki, Kunsilliera u Presidenti.

51.04.53 Nhar 11.07.25 ircivejna mil-Wasteserv li European Week for Waste Reduction (EWWR), ser issir bejn 22 – 30.11.25

51.04.54 Bejn it-13.07.25 sa 15.07.25 ittella' kors tal-Presepji bil-koordinazjoni ma' FES, Kunsill Lokali Mqabba u l-Għaqda Ħbieb tal-Presepju Għawdex Malta.

51.04.55 Bejn 10 u l-15.07.25 il-Viċi President u Sindku tal-Qrendi attenda għall-AGM tal-JMI ġewwa l-Ungerija.

51.04.56 Nhar 21.07.25 ser issir laqgħa għas-Segretarji Eżekuttivi sabiex naġġornawhom dwar il-fondi disponibbli u naqsmu xogħolijiet li saru u li hemm mħejjija.

51.04.57 Nhar il-29.07.25 ser issir ir-rabà produzzjoni teatrali bħala parti mill-proġett Arts For Social Change fis-Sala tal-Komunita' Ħad-Dingl

**51.05 Tweġibiet għall-mistoqsijiet**

**51.06 Tqegħid ta' Dokumenti/ Rapporti**

51.06.01 Kwotazzjoni RFQ227/2025 Request For Quotation for the Service of Health and Safety Risk Assessments/Audits

51.06.02 Kwotazzjoni RFQ228/2025 Request For Quotation for the Purchase of Customized Polo Shirts

**51.07 Approvazzjoni ta' Xiri**

**51.07.01** Kwotazzjoni RFQ227/2025 – Reuqest For Quotation for the Service of Health and Safety Risk Assessments/Audits

Il-President informa li ntbagħtu 7 inviti għal kwotazzjoni li minnhom irċivejna 3 offerti. Il- President ippropona li tintgħażel l-irħas offerta.

Sekondant: Is-Sindku tas-Siġġiewi is-Sur Julian Borġ
Il-Kunsill qabel unanimament

**51.07.02** Kwotazzjoni RFQ228/2025 – Request For Quotation for the Purchase of Customized Polo Shirts

Il-President informa li ntbagħtu 3 inviti għal kwotazzjoni li ma irċevejna l-ebda offerta u għaldaqstant ser jerġgħu jintalbu.

**51.08 Skeda tal-Pagamenti Nu.38**

Il-President Sandro Azzopardi ressaq għall-approvazzjoni l-iskeda tal-Pagamenti Numru 39.

Proponent: Is-Sindku taz-Zurrieq is-Sa Rita Grima
Sekondant: Is-Sindku ta' Ħad-Dingli is-Sur Raymond Schembri
Il-Kunsill qabel unanimament.

**51.09 Rapport Finanzjarju Q2.2025**

Il-President spjega u ressaq għall-approvazzjoni ir-rapport finanzjarju għat-tieni kwart ta' sena. Fost oħrajn irrimarka li għamel talba lid-Dipartiment sabiex jingħata madwar Eur170K fondi addizzjonali matul 2025 sabiex ikopri t-tender tal-iskart; inkella dan ikolu jitnaqqas mill-allokazzjoni finanzjarja. Ukoll irrimarka li ghadna qed nistennew risposta sabiex DLG iħallasna tal-kontijiet tar-Rejects tas-sena 2023 u parti minn 2024.

Sekondant: Is-Sindku tar-Rabat is-Sur Sandro Craus
Il-Kunsill qabel unanimament.

## 51.10 Rapporti tal-Maniġers

### 51.10.01 Rapport tal- Maniġer tal-Iskart

Il-President ippreżenta għal approvazzjoni ir-rapport tal-Maniġer tal-Iskart għal perjodu April sa Ġunju 2025.

Sekondant: Is-Sindku tas-Siġġiewi is-Sur Julian Borg

Il-Kunsill qabel unanimament.

### 51.10.02 Rapport tal-Maniġer tal-Ambjent

Il-President ippreżenta għal approvazzjoni ir-rapport tal-Maniġer tal-Ambjent għal perjodu April sa Ġunju 2025.

Sekondant: Is-Sindku taz-Żurrieq is-Sa Rita Grima

Il-Kunsill qabel unanimament.

### 51.10.03 Rapport tal-Maniġer tal-Proġetti

Il-President ippreżenta għal approvazzjoni ir-rapport tal-Maniġer tal-Proġetti għal perjodu April sa Ġunju 2025.

Sekondant: Is-Sindku ta' Ħad-Dingli is-Sur Raymond Schembri

Il-Kunsill qabel unanimament.

### 51.10.04 Rapport tal-Maniġier tal-IT

Il-President ippreżenta għal approvazzjoni ir-rapport tal-Maniġer tal-IT għal perjodu April sa Ġunju 2025.

Sekondant: Il-Viċi Sindku ta' Ħaż-Żebbuġ is-Sur Joseph Agius

Il-Kunsill qabel unanimament.

### 51.10.05 Rapport tal-Maniġier tal-Kultura

Il-President ippreżenta għal approvazzjoni ir-rapport tal-Maniġer tal-Kultura għal perjodu April sa Ġunju 2025.

Sekondant: Is-Sindku ta' Ħad-Dingli is-Sur Raymond Schembri

Il-Kunsill qabel unanimament.

### 51.10.06 Rapport tal-Maniġier tal-Fondi Lokali u Ewropej

Il-President ippreżenta għal approvazzjoni ir-rapport tal-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej għal perjodu April sa Ġunju 2025.

Sekondant: Is-Sindku tas-Siġġiewi is-Sur Julian Borġ

Il-Kunsill qabel unanimament.

## 51.11 Proġett Pilota: Tazza Waħda

Il-President semma li bil-koordinazzjoni mal-Waste Manager ser isir proġett pilota mal-Kunsill Lokali Safi fejn jinxtraw tazzi li huma 're-usable' bil-logo tar-Reġjun sabiex jitqassmu fil-każini u bars matul il-festa u li il-pubbliku jkun jista' jerġa juża. B'din l-inizjattiva favur l-ambjent ser nkunu qed ngħinu sabiex jitnaqqas l-iskart riġenerat f'attivitajiet tal-massa. Wara diversi fehmiet mil-membri preżenti, il-President ipproponsa sabiex il-fondi mirbuħa fil-Waste Reduction Awards u oħrajn Reġjonali jintużaw għal skop simili fil-Kunsilli Lokali tar-Regjun f'attivitajiet li jinvolvu l-massa.

Sekondant: Is-Sindku ta' Ħad-Dingli is-Sur Raymond Schembri
Il-Kunsill qabel unananiment

## 51.12 Materji Oħra

### 51.12.01 Once Upon a Village

Il-President spjega li ir-Reġjun ser jkun qed japplika għall-fondi tal-Kunsill Malti għall-Arti permezz tar-Regional Cooperation Programme bi proġett bl-isem ta' "Once Upon a Village". Dan il-proġett ġie spjegat fid-dettall lill-membri mill-Maniġer tal-Kultura. Ġie propost li l-isem ikun ukoll bil- lingwa Maltija "Mela darba fil-Villaġġ".
Il-President ressaq għall-approvazzjoni dan il-proġett.

Sekondant: Is-Sindku ta' Ħad-Dingli is-Sur Raymond Schembri
Il-Kunsill qabel unanimament

### 51.12.02 Ġbir ta' skart bil-lejl

Il-President ippropona li tittieħed deċiżjoni fil-laqgħa ta' kull Kunsill Lokali rispettiv rigward jekk bħalha Kunsill jixtieqx li jmur għal ġbir ta' skart bil-lejl jew jibqax kif inhu. Il-President talab li din id-deċizjoni tintbagħtlu bil-miktub sa qabel il-laqgħa li ser issir dwar is-suġġett nhar il-5 t' Awwissu 2025.

Sekondant: Is-Sindku taż-Żurrieq is-Sa Rita Grima
Il-Kunsill qabel unanimament

**51.12.03 Serata Mużiko letterarja – Houses of God Houses of the People**

Il-President ippropona li ssir serata mużiko-letterarja sabiex jiġi mniehdi il-ktieb bl-Ingliż 'Houses of God Houses of the People'. Din ser issir nhar it-3 t' Ottubru 2025 ġewwa il-Knisja ta' San Bażilju fl-Mqabba.

Sekondant: Is-Sindku ta' l-Imqabba is-Sa Grace Marie Zerafa
Il-Kunsill qabel unanimament

**51.12.04 Street Sweepers**

Il-President informa li wara talbiet li ilhom isiru mis-Sindki, l-Waste Manager għamel riċerka fuq diversi tipi ta' makkinarju tat-tindif u li ingħatat spjega fuqhom. Dan sabiex bħala Reġjun nassistu u ngħinu lill-Kunsilli Lokali sabiex iżommu l-lokalitajiet aktar nodfa. Il-President ippropona li jinxtara Vacuum Litter Collector bħala proġett pilota biex jintuża mill-Kunsilli Lokali sabiex jgħin fit-tindif tat-toroq.

Sekondant: Is-Sindku ta' Ħad-Dingli is-Sur Raymond Schembri
Peress li ma kienx hemm qbil bejn il-membri, ittieħed vot fejn kien hemm erbgha membri favur u tnejn kontra.

**51.12.05 MSSA Sport event**

Wara is-suċċess tal-attivita' organizzata mill-MSSA li ttellgħat ġewwa Ħal Safi il-President ippropona li jittellgħu żewġ attivitajiet oħra simili fir-Rabat u f'Ħaż-Żebbuġ.

Sekondant: Is-Sindku ta' Ħad-Dingli is-Sur Raymond Schembri
Il-Kunsill qabel unanimement

**51.12.06 Social Impact Assessment Launch**

Il-President ippropona sabiex issir-il-launch tas-Social Impact Assesment nhar 14 ta' Novembru ġewwa ż-Żurrieq. Ġew diskussi diversi siti, madanakollu ser ikun kkordinat dan l-avveniment flimkien mal-Kunsill Loklai taz-Zurrieq fejn dan jista' jsir.

Sekondant: Is-Sindku taż-Zurrieq is-Sa Rita Grima
Il-Kunsill qabel unanimament

**51.12.07 Expo Barcelona**

Il-President semma li l-AKL għarfet lir-Reġjuni li bejn l-4 u 6 ta' Novembru ser ikun hemm l-Smart City Expo World Congress li ser issir ġewwa Barċellona. L-AKL ser tkun qegħda tkopri l-ispejjez tad-dħul ta' din l-esebizzjoni. Din l-esebizzjoni tlaqqa' flimkien diversi mexxejja, esperti u ħassieba minn madwar id-dinja li jesponu l-innovazjoni u l-futur urban fil-lokalitajiet u hija immirata lejn il-Kunsilli Lokali u Reġjuni. Għaldaqstant ippropona sabiex ikun jista jattendi flimkien mas-s-Segretarju Eżekuttiv.

Sekondant: Is-Sindku ta' Ħad-Dingli is-Sur Raymond Schembri
Il-Kunsill qabel unanimament

**51.13 Tmiem il-laqgħa**

Il-laqgħa ntemmet fis-20:15 u l-President informa li l-laqgħa għas-seduta li jmiss ser tinżamm nhar **is-7 t'Awwissu 2025 fil-5.00pm**

______________________
Sandro Azzopardi
President Reġjun Punent

______________________
Tania Farrugia
Segretarju Eżekuttiv

______________________
Ikkonfermati llum